Dikjarazzjoni Speċifika ta’ Privatezza

Konsultazzjoni pubblika dwar il-"protezzjoni tal-informaturi”
magħrufa bħala l-"konsultazzjoni" fit-test

1 GĦAN

L-għan ta’ din il-konsultazzjoni huwa li jitwasslu l-opinjonijiet tal-partijiet ikkonċernati jew ta' persuni milquta mis-suġġett tal-konsultazzjoni u biex potenzjalment dawn jiġu ppubblikati fuq l-Internet, taħt ir-responsabbiltà tal-Kap tal-Unità 01, id-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, li jaġixxi bħala l-Kontrollur.

Il-konsultazzjoni hija organizzata mill-Unità C.2, Drittijiet fundamentali tal-politika.

Peress li dan is-servizz onlajn jiġbor u jipproċessa d-dejta personali, japplika r-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

2 X’INFORMAZZJONI NIĠBRU U B’LIEMA MEZZI TEKNIĊI?

Dejta tal-identifikazzjoni

Id-dejta personali miġbura u mbagħad ipproċessata hija d-dejta meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni, bħalma huma l-isem/il-kunjom/il-professjoni tal-kontributuri, inklużi l-opinjonijiet tagħhom dwar is-suġġetti kkonċernati. Il-parteċipanti interni jistgħu, f'xi każijiet, jintgħażlu b'kampjun xieraq f'Sysper2 jew f'ComRef. Dan il-kampjun jirriżulta f'listi użati mill-Kontrollur biex jintbagħtu stediniet għall-parteċipazzjoni. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta personali marbuta mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta’ din il-konsultazzjoni huma meħtieġa għall-ġestjoni u l-funzjonament tal-Kummissjoni, skont il-mandat mogħti mit-Trattati, u b’mod aktar speċifiku fl-Artikolu 5 tat-TUE, fl-Artikolu 13 tat-TUE u fl-Artikoli 244-250 tat-TFUE, u skont l-Artikolu 1 u l-Artikolu 11 tat-TUE.

Tagħrif tekniku

Il-konsultazzjoni titnieda bl-użu ta’ EUSurvey. B’mod awtomatiku, EUSurvey ma jissejvjax informazzjoni relata mal-utent. Madankollu, l-IP ta’ kull konnessjoni hi ssejvjata għal raġunijiet ta’ sigurtà għal kull rikjesta tas-server. Permezz ta’ din l-informazzjoni, għandu mnejn ikun possibbli li jkun hemm rikostruzzjoni ta’ minn fejn oriġinat ir-rikjesta. EUSurvey jippermetti li dan it-tip ta' stħarriġ jkun "anonimi b'mod sħiħ". F'din l-opzjoni, l-anonimità sħiħa hi ppreservata u la tiġi ssejvjata l-informazzjoni ta' kuntatt u lanqas in-numri tal-IP. Bi stħarriġiet "Anonimi b'Mod Sħiħ", l-awtur(i) qatt ma jista'/jistgħu jkun(u) jaf(u) minn fejn tkun ġejja kontribuzzjoni.

Jekk jogħġbok innota li għandu mnejn li servers oħra fil-Kummissjoni Ewropea jilloggjaw l-IPs għal raġunijiet ta' sigurtà.

EUSurvey juża 2 tipi ta’ "cookies" biex jissejva dejta relatata mal-utent.

1. Impatt fuq l-awturi tal-istħarriġ biss: cookie li fiha informazzjoni tas-sessjoni biex tiżgura l-komunikazzjoni affidabbli mas-sistema.

Il-cookie tibqa’ valida sakemm tibqa’ valida s-sessjoni u titneħħa hekk kif tintemm is-sessjoni (massimu ta’ 24 siegħa wara l-aħħar kuntatt).

2. Impatt fuq l-utent: cookie li fiha l-IDs ta’ tweġibiet magħżula fi stħarriġ u tweġibiet b’test liberu f’test bla ebda format sakemm l-utent ikun issottometta kontribuzzjoni valida. Sakemm tiġi sottomessa kontribuzzjoni valida, is-sistema tissejvja l-abbozz tal-kontribuzzjoni tal-utent f’cookie f’intervalli ta’ minuta, biex il-kontribuzzjoni tkun tista’ tittella’ f’każ ta konġestjoni tan-netwerk jew jekk jikkrexxja l-PC.

Għat-tweġibiet offlajn, is-sistema tuża "cookies" tas-sessjoni biex tiżgura l-komunikazzjoni bejn il-klijent u s-server. Għalhekk il-brawżer tiegħek irid ikun konfigurat b'mod li jaċċetta l-"cookies". Il-“cookies” jisparixxu ladarba s-sessjoni tintemm. Huwa possibbli wkoll li tipparteċipa fi stħarriġ b’“cookies” diżattivati, iżda f’dan il-każ ma jkunx possibbli li twieġeb offlajn.

3 MIN GĦANDU AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI TIEGĦEK U LI MIN TIĠI ŻVELATA?

Il-kontribuzzjonijiet li jaslu, flimkien mal-identità tal-kontributur, jiġu ppubblikati fuq l-Internet, sakemm il-kontributur ma joġġezzjonax għall-pubblikazzjoni tad-dejta personali tiegħu minħabba li din il-pubblikazzjoni tista’ tkun ta’ ħsara għall-interessi leġittimi tiegħu jew tagħha. F’dan il-każ, il-kontribuzzjoni tista’ tiġi ppubblikata b’mod anonimu jew ma tiġi ppubblikata xejn. Madankollu, il-kontenut tagħha jiġi kkunsidrat. Kull oġġezzjoni għall-pubblikazzjoni ta' dejta personali għandha tintbagħat lis-servizz responsabbli għall-konsultazzjoni (ara l-Informazzjoni ta’ kuntatt hawn taħt).

4 KIF NIPPROTEĠU U NISSALVAGWARDJAW L-INFORMAZZJONI TIEGĦEK?

It-tweġibiet tiegħek, flimkien mal-lingwa magħżula tiegħek użata għall-abbozzar tat-tweġibiet, jiġu rreġistrati f'bażi tad-dejta sigura u protetta, miżmuma miċ-Ċentru tad-Dejta tal-Kummissjoni Ewropea, li l-operazzjonijiet tiegħu huma konformi mad-deċiżjonijiet u mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-Kummissjoni stabbiliti mid-Direttorat tas-Sigurtà għal dawn it-tipi ta' servers u servizzi. Il-bażi tad-dejta mhix aċċessibbli minn barra l-Kummissjoni. Internament fil-Kummissjoni, l-aċċess għall-bażi tad-dejta jsir permezz ta’ Identifikazzjoni Personali (UserId)/Password. L-aċċess għall-applikazzjoni jsir permezz ta’ konnessjoni mhux kriptata bl-użu tal-protokoll normali tal-http.

5 KIF TISTA’ TIVVERIFIKA, TBIDDEL JEW TĦASSAR L-INFORMAZZJONI TIEGĦEK?

Jekk tkun trid tivverifika liema dejta personali qed tinħażen f’ismek mill-kontrollur responsabbli, jew jekk tkun trid tibdilha, tikkoreġiha jew tħassarha, ikkuntattja lill-Kontrollur billi tuża l-Informazzjoni ta’ Kuntatt hawn taħt u speċifika b’mod espliċitu t-talba tiegħek.

6 KEMM INDUMU NŻOMMU D-DEJTA TIEGĦEK?

Id-dejta personali tiegħek se tkun parti minn lista ta' dettalji ta’ kuntatt li tkun aċċessibbli internament fost il-persunal tal-Kummissjoni biex dawn ikunu jistgħu jikkuntattjawk fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Kummissjoni. Jekk ma taqbilx ma' dan, ikkuntattja lill-Kontrollur permezz tal-informazzjoni ta' kuntatt ta' hawn taħt, u speċifika biċ-ċar it-talba tiegħek.

7 INFORMAZZJONI TA’ KUNTATT

Jekk tkun trid tivverifika liema dejta personali qed tiġi miżmuma f'ismek mill-kontrollur responsabbli, jew jekk tkun trid tibdilha, tikkoreġiha jew tħassarha, jew jekk għandek mistoqsijiet dwar il-konsultazzjoni, jew dwar kull informazzjoni pproċessata fil-kuntest tal-konsultazzjoni, jew dwar id-drittijiet tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tim ta' appoġġ li jopera taħt ir-responsabbiltà tal-Kontrollur, billi tuża din l-informazzjoni ta' kuntatt:

European Commission
DG Justice and Consumers
Unit C2 'Fundamental Rights Policy'
59, rue Montoyer
B-1049 Brussel/Belgium
Telefown: +32 2 295 68 32

Email funzjonali tat-tim ta' assistenza:

JUST-C2-CHARTE@ec.europa.eu

8 RIKORS

F'każ ta' kunflitt, l-ilmenti għandhom jintbagħtu lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta tal-Kummissjoni (DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu) jew lill- Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.